MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1010/2002

Kawza fil-lista: 55

**AB**
**vs**
**C B, Direttur tar-Registru Pubbliku, u l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati b' digriet tat-3 ta' Dicembru 2002 Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lit-tarbija D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi fid-9 ta' Lulju 2002, twieldet tarbija bl-isem ta' "D", liema tarbija giet registrata fir-Registru Pubbliku minn

ommha l-konvenuta C B permezz ta’ l-Att tat-Twelid numru 2606/2002 (Dok. A);

U peress illi fl-istess Att tat-Twelid hawn fuq imsemmi, l-attur gie indikat bhala l-missier tat-tarbija, meta fil-fatt ma huwiex a tenur ta’ l-Artikolu 70 (b) u (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U peress illi l-konvenuta, qabel u wara t-twelid tat-tarbija, ammettiet li t-tarbija ma kienetx bin l-attur, u fit-terminu li trid il-ligi, anzi qabel u anke wara, cioe presenjalment, il-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni, kwazi b’ebda komunikazzjoni bejniethom u allura wisq anqas kuntatt intimu;

U peress illi ghalhekk l-attur mhux il-missier tat-tarbija “D”;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex din il-Qorti:

1. M’ghandiex tiddikjara illi t-tarbija bl-isem ta’ “D” u li twieldet fid-9 ta’ Lulju 2002 minn C B xebba Debono, mhix bin l-istess attur ghar-ragunijiet premessi;

2. Konsegwentement tordna li dan jigi annotat fic-certifikat tat-twelid numru 2606/2002 ta’ l-istess “D” u b’hekk tordna l-korrezzjoni ta’ l-istess certifikat billi jithassar isem l-attur mill-kolonna intestata “missier it-tarbija” u jithassru wkoll fil-kolonni sussegwenti l-konnotati ta’ l-istess attur.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghall-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istess.

Rat in-nota ta'l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati li biha eccepew li huma ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri meta, u jekk ikun hemm l-lok ghal hekk;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-imsemmija partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat li l-konvenuta C B debitament ingunta prezentat nota li biha ddikjarat li "tammetti t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni attrici u tiddikjara illi t-tarbija bl-isem ta' D li twieldet fid-9 ta' Lulju 2002 mhix bint l-attur AB" [fol.34];

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-rapport ta' l-espert xjentifiku minnu debitament mahluf [fol.103 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rrizulta li fid-9 ta' Lulju 2002 twieldet il-minuri Cherise Ann mill-konvenuta C B meta dina kienet diga' mizzewwga lill-attur. Jirrizulta li matul il-hajja matrimonjali taghhom, il-konjugi B irriskontraw diversi problemi li eventwalment wasslu ghal proceduri ta' separazzjoni personali fis-sena 1998. L-attur fl-affidavit tieghu jghid kategorikament "Ili mill-bidu tas-sena 2000 [Jannar] ma nersaq lejn marti jew li hi tersaq lejja …… is-sitwazzjoni taghna tant hzienet bil-gurnata, u nghid illi naf b' certezza illi jiena ilu ma jkolli x' naqasam mal-mara minn Jannar 2000 u li fuq kollox hi kellha relazzjonijiet ma' haddiehor." [fol.36].

Illi permezz ta' nota prezentata fid-9 ta' Mejju 2003 il-konvenut ikkonfermat il-fatti kif dikjarati mill-attur fl-affidavit tieghu.

Illi din it-tesi ta' l-attur issib konfort shih ukoll fir-rapport tat-testijiet xjentifici tad-DNA li eskludew lill-attur bhala l-missier bijologiku tal-minuri Cherise B.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici u:

[1] tiddikjara illi t-tarbija bl-isem "D" li twieldet fid-9 ta' Lulju 2002 mill-konvenuta C B mhijex bint l-attur; u konsegenzjalment [2] tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri bin-numru 2606/02, fis-sens li isem l-attur u l-konnotati tieghu jithassru u jigu sostitwiti bil-kliem "missier mhux maghruf".

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta C B.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------